MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2006

Talba Numru. 1483/2005

**Manwel Vella**

**vs**

**Kenneth Xuereb u Lorraine Xuereb**

It-Tribunal

Ra l-Avviz prezentat fit-12 ta’ Lulju 2005 li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta’ sitt mija sitta u sittin lira Maltija (Lm666) bilanc minn somma akbar dovuta bhala prezz ta’ oggetti ta’ materjal u xoghol u servizzi rezi in konnessjoni ma’ l-appartament 3, Bridge Apartments, Triq il-Barbagann, Kappara pprovduti mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuti, b’l-imghaxx u b’l-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali u tal-mandat ta’ sekwestru.

Ra r-risposta ta' Lorraine Xuereb li permezz taghha qalet li t-talba attrici kif dedotti hija esagerata stante li l-attur kien ammetta u accetta li l-bilanc dovut kien ta' Lm500 liema somma huwa irriduca ghal Lm450 stante li ma kienx ikkompleta x-xoghol lilu nkarigat; in oltre x-xoghol esegwit mill-attur ma kienx skond l-arti u s-sengha b'rizultat li kellu jitqabbad bajjad iehor biex jaghmel xoghol rimedjali. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-konvenut Kenneth Xuereb deher f'l-udjenza mizmuma fit-22 ta' Settembru 2005 debitament assistit u ddikjara li kien qed jikkontesta l-kawza pero ma pprezentax risposta. Minkejja in-nuqqas ta' risposta u tenut kont tax-xhieda tieghu u tas-sottomissjonijet maghmula mid-difensur tieghu l-konvenut jidher li qed jibbaza il-kontestazzjoni tieghu fuq il-fatt li kwalunkwe ammont dovut ghandu jithallas mill-konvenuta martu.

Ra d-dokumenti esebieti inkluz l-affidavits ta' Manwel Vella, Carmel Vella, Etienne Mamo u Joseph Calleja kif ukoll ta' Kenneth Xuereb, u sema x-xhieda ta' Manwel Vella, Loraine Xuereb u Kenneth Xuereb.

Sema t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra

Jirrizulta mill-atti li l-attur kien gie nkarigat mill-konvenuti biex jaghmel xoghol, inkluz dak ta' tikhil, tibjid u soffit, f'appartament propjeta ta' l-istess konvenuti. Ghax-xoghol originarjament miftiehem u kontrattat l-attur kien hareg stima ta' elfejn sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm2675). Waqt li kienu ghaddejjin ix-xogholijiet l-attur gie mitlub jaghmel xi xogholijiet *extra*. Il-konvenuti ghamlu xi pagamenti, pero ghad baqa bilanc x'jithallas. Il-kwistjoni li ghandha tigi rizolta hija x'inhu l-bilanc dovut u jekk dan ghandux jithallas f' l-intier tieghu stante li skond il-konvenuta x-xoghol ma sarx sew u kellha taghmel xi xogholijiet rimedjali.

L-attur qed jitlob hlas ta' sitt mija sitta u sittin lira Maltija (Lm666) liema ammont jirrapprezenta Lm300 bilanc tal-prezz tax-xogholijiet originarjament miftehma u Lm366 il-prezz tax-xogholijiet *extra*; dan l-ammont jidher f'l-*invoice* datata 7 ta' Jannar 2005 (Dok MV2). Pero jirrizulta li ftit wara li spiccaw ix-xogholijiet l-attur kien hareg *invoices* ohrajn: Dok MV3 a fol 17 tal-process ghall-ammont ta' Lm666 (esebieta mill-attur) u Dok MX1 a fol 26 tal-process ghall-ammont ta' Lm500 (esebieta mill-konvenuta).

Dawn iz-zewg dokumenti huma datati 2 ta' Awissu 2004 meta ix-xoghol kien diga tlesta. Ghalkemm l-attur jaghti versjonijiet differenti ta' meta spicca x-xoghol ma jidhirx li kien hemm kontestazzjoni li f'Awissu 2004 ix-xogholijiet kienu lesti. Ghalhekk isegwi li meta hargu dawn l-invoices l-attur kien f'pozizzjoni li johrog kont finali ghax-xogholijiet kollha minnu esegwieti.

L-attur ma ta l-ebda spjegazzjoni plawsibbli biex jiggustifika ghaliex f'l-istess gurnata hareg zewg *invoices* separati ghall-bilanc ta' prezz dovut mill-konvenuti u ghaliex dawn l-*invoices* kienu ghall-ammont differenti. Ghalkemm wiehed jista jargumenta li bil-fors kellu johrog zewg invoices minhabba li l-konvenuti kienu ghaddejjin mill-process ta' separazzjoni, pero dan la jispjega u wisq anqas jiggustifika l-fatt li ghall-istess xoghol l-attur hareg invoices differenti fil-kontenut u fil-prezz, wahda ghall-konvenut u l-ohra ghall-konvenuta.

Huwa zgur pero, ghax anness mill-attur (ref ix-xhieda moghtija in kontro ezami a fol 29 et seq), li f'Awissu 2004 huwa kien qal lill-konvenuta li l-bilanc li kien ghad fadal kien ta' Lm500 u li minnhom setghu jinqataw Lm50 peress li ma kienx tlesta x-xoghol kollu patwiet. Dan id-diskors huwa bejn wiehed u iehor rifless f'wahda mill-invoices fuq imsemmija u cioe dik esebieta mill-konvenuta Dok MX 1 a fol 26. Ghalhekk fuq ammissjoni ta'l-istess attur jidher li l-bilanc realment dovut kien ta' erbgha mija u hamsin lira Maltija (Lm450).

Il-konvenuta qed tallega ukoll li, tenut kont tal-fatt li parti mix-xoghol li sar mill-attur ma sarx skond l-arti u s-sengha, mill-bilanc dovut ghandhom jitnaqqsu l-ispejjez li kellha taghmel biex tipprova tirrimedja x-xoghol hazin li sar. Hi tirreferi b'mod partikolari ghat-tibjid tas-soqfa li jkollu jerga jsir minhabba li qed johorgu *blisters*. Il-konvenuta kienet inkarigat lill terzi biex jaghmlu x-xoghol rimedjali; lahaq sar biss xi *patching* ghax skond il-parir li ghandha l-konvenuta s-soluzzjoni hija li ghandu jsir it-tibjid mill-gdid. Tal-*patching* il-konvenuta hallset Lm95.00.

Dwar din il-kwistjoni l-attur prova jiggustifika xogholu billi jallega li s-saqaf kien mxarrab u li l-kontrabejt ma kienx sar sewwa jew ma sarx fiz-zmien li kellu jsir. F'dan ir-rigward ukoll hemm kuntrast bejn il-versjonijiet mghotija mill-kontendenti. It-Tribunal hu tal-fehma li l-verzjoni mghotija mill-konvenuta hija aktar verosimili u li konsegwentement it-tibjid tas-soqfa ma sarx skond is-sengha u l-arti. Ghalhekk l-ispejjes li hija nefqghet ghall-*patching* ghandhom jitnaqqsu mill-ammont dovut lill-attur.

Finalment ghandu jigi deciz jekk l-ammont dovut lill-attur ghandu jithallas miz-zewg konvenuti flimkien jew minn xi wiehed minnhom.

F'dan ir-rigward issir referenza ghx-xhieda tal-konvenut li aktar milli fuq il-mertu tat-talba kienet aktar immirata biex jikkonvinci lit-Tribunal li l-ammont reklamat mill-attur ghandu jithallas mill-konvenuta waheda. Huwa ghamel referenza ghat-trattativi li kien qed isieru f'tentattiv ghal separazzjoni bonarja u anke prezenta faccata waahda (mhux awtentikata) minn dak li allegatament huwa abbozz ta' kuntratt ta' separazzjoni. Jidher li f'dawm it-trattivi kien qed jigi prospettat li l-prezz tax-xogholijiet li saru fid-dar matrimonjali jithallsu mill-konvenuta.

Pero huwa konfermat mill-konvenut li dawk it-trattativi ma gewx konkretizzati f'kuntratt ta' separazzjoni u li ghad m'hemmx separazzjoni legali bejn il-konvenuti. Illi ghalhekk huwa car li ghad hemm tezisti bejn il-konvenuti l-kommunjoni ta'l-akkwisti u li konsegwentement id-dejn rapprezentanti l-ammont pretiz mill-attur huwa debitu

gravanti fuq dik l-istess kommunjoni ta’ l-akkwisti u li responsabbli ghalih huma z-zewg konjugi Xuereb flimkien.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu s-somma ta’ tlett mija hamsa u hamsin lira Maltija (Lm355) b’l-imghaxx mid-data tas-sentenza. L-ispejjes jigu sopportati nofs mill-atturi u nofs mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------